MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 24/2008

**Nazzareno sive Ronnie Zammit (I.D. Card Nru. 523350M)**

**Vs**

**Joseph u Rita konjugi Zaffarese**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Nazzareno sive Ronnie Zammit fit-23 ta’ Jannar 2008, permezz ta’ liema jitlob li Joseph u Rita konjugi Zaffarese jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ sebat elef Euro (€7,000) rapprezentanti d-danni minnu sofferti in segwitu ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet “Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta’ Ottubru 2006, f’liema sentenza gie deciz li x-xoghlijiet esegwiti minn Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta’ Jurgen Brammer ma kienux saru skond is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza li hu personalment kien kostrett ihallas id-

danni li sofra Jurgen Brammer kif imsemmija f'dik is-sentenza, oltre l-ispejjez legali u giudizzjarji tal-kawzi li saru bejnu u Jurgen Brammer, prevja dikjarazzjoni li l-konjugi Zaffarese jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni ammontanti ghal €7,000, minnu sofferti; bl-imghax legali dekoribbli mid-data meta hu kien kostrett ihallas lil Jurgen Brammer is-somma mitluba sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 10 ta' Dicembru 2007, kontra Joseph u Rita konjugi Zaffarese;

Rat ir-Risposta ta' Joseph u Rita konjugi Zaffarese permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) fl-ewwel lok s-sentenza citata mill-attur ma taghmilx stat ta' fatt fil-konfront taghhom jew min minnhom ghaliex huma qatt ma kienu parti minn dawk il-proceduri u lanqas ma gew mitluba jidhlu fihom, u ghalhekk fl-ewwel lok l-attur irid jipprova li huma ghamlu xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha kif minnu allegat; (ii) ix-xoghol li sar minnhom jew ahjar mill-konvenut Joseph Zaffarese, sar skond is-sengha u sar kif suppost u taht id-direzzjoni ta' l-attur bl-oggetti u materjal li gew provduti mill-istess attur jew/u fuq inkarigu tieghu stess; (iii) joggezzjonaw ghall-ammont pretiz mill-attur ghaliex l-ammont dovut ghax-xoghol relattiv huwa ferm anqas minn dak pretiz u huma ma ghandhomx jirrispondu ghal dak li ma kienux responabbli ghalih huma; (iv) il-konvenuta Rita Zaffarese ghandha tigi liberata mill-gudizzju peress li hija ma kellha ebda involviment fil-kwistjoni tax-xoghol u dan ghaliex hi ma ghandha xejn x'taqsam max-xoghol ta' zewgha Joseph Zaffarese;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2008[1] u tat-30 ta' April 2009[2], u rat id-dokumenti esebiti mill-attur: (a) waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2008 u markati bhala Dok. "RZ1" sa' Dok. "RZ3" a fol. 18 sa' 20 tal-process; (b) b'Nota pprezentata fl-20 ta' Ottubru 2008 markati bhala Dok. "RZ4" sa' Dok. "RZ18" a fol. 23 sa' 58 tal-process; u (c) b'Nota pprezentata fl-4 ta' Novembru 2008 a fol. 61 sa' 96 tal-process, semghet ix-

[1] Fol. 14 sa' 17 tal-process.
[2] Fol. 100 sa' 101 tal-process.

xhieda moghtija mill-konvenut Joseph Zaffarese waqt is-seduti ta' l-14 ta' Mejju 2009[3] u tas-16 ta' Dicembru 2010[4];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti konjugi Zaffarese jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' €7,000 rapprezentanti danni minnu sofferti b'effett ta' l-ezitu tal-proceduri giudizzjarji fl-ismijiet "Jurgen Brammer v. Nazzareno sive Ronnie Zammit ezercenti fil-kummerc bhala Ronnies Marine Centre" Appell Civili Nru. 1609/02 decizi mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Ottubru 2006, u dana wara li jigi dikjarat li huma jew min minnhom huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti minnu.

Il-proceduri fl-ismijiet "Jurgen Brammer v. Nazzareno sive Ronnie Zammit" kienu gew istitwiti fil-konfront ta' l-attur odjern minn Jurgen Brammer ghall-hlas tas-somma ta' Lm960, illum ekwivalenti ghal €2,236.19, jew somma verjuri, rapprezentanti danni minnu (Brammer) sofferti kawza ta' negligenza w imperizja fl-esekuzzjoni ta' xoghol li Nazzareno Zammit ghamel fuq id-dghajsa tiehgu. Ghalkemm b'sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar pronuncjata fil-15 ta' Dicembru 2005 it-talba ta' Jurgen Brammer giet michuda, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) bis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, hassret u rrevokat is-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u kkundannat lil Nazzareno Zammit ihallas lil Jurgen Brammer is-somma ta' Lm971, illum ekwivalenti ghal €2,261.82, bl-interessi kif mitluba minn Brammer, stante li kkonkludiet li d-danni sofferti minn Brammer kienu il-konsegwenza ta' l-inadempjenza uew adempjenza inezatta tal-konvenut. L-ispejjez kellhom jigu sopportati in kwantu ghal ¼ minn Brammer u kwantu ghal ¾ minn Nazzareno Zammit.

---

[3] Fol. 103 sa' 106 tal-process.
[4] Fol. 112 sa' 114 tal-process.

Nazzareno Zammit istitwixxa proceduri ghar-ritrattazzjoni ta' l-Appell imsemmi in bazi ghall-kontestazzjoni li fis-sentenza Taghha l-Qorti applikat il-ligi hazin (Artikolu 811(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li dik is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza (Artikolu 811(l) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta). It-talba tieghu però giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fit-3 ta' Ottubru 2007[5].

B'konsegwenza ta' dawn il-proceduri giudizzjarji, u cioè l-proceduri decizi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ta' l-4 ta' Ottubru 2006 u l-proceduri ghar-ritrattazzjoni michuda bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-3 ta' Ottubru 2007, l-attur hallas lil Jurgen Brammer is-somma komplessiva ta' Lm1,896.74, ekwivalenti ghal €4,418.21[6], u ghalhekk issa jippretendi li l-konvenuti konjugi Zaffarese jaghmlu tajjeb ghad-danni minnu sofferti, komplessivament ammontanti ghal €7,000, stante li dan kollu gara b'konsegwenza tal-fatt li x-xoghol esegwit mill-konvenut Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta' Jurgen Brammer ma kienx skond is-sengha u l-arti.

Il-konvenuti konjugi Zaffarese jilqghu ghat-talba attrici *inter alia* bl-eccezzjoni li s-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2006 ma taghmilx stat fil-konfront taghhom ghaliex huma qatt ma kienu parti f'dawk il-proceduri u lanqas gew mitluba jidhul fihom, ghaldaqstant l-attur ghandu l-ewwel qabel kollox jipprova li x-xoghol esegwit mill-konvenut Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta' Jurgen Brammer ma kienx skond is-sengha u l-arti.

Huwa evidenti li l-konvenuti konjugi Zaffarese jibbazaw din l-eccezzjoni fuq dak dispost fl-Artikolu 237 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza.* Madanakollu

[5] Dok. "RZ9" a fol. 30 sa' 37 tal-process.
[6] Dok. "RZ5" a fol. 24 u 25 tal-process.

però ma jistax jigi injorat il-fatt li l-proceduri odjerni huma proceduri minn appaltatur (l-attur) kontra subappaltatur (il-konvenut) inkarigat minnu in segwitu ghal proceduri giudizzjarji istitwiti mill-appaltant (Jurgen Brammer) kontra l-appaltatur u decizi favur l-appaltant. Bil-proceduri odjerni fil-fatt l-attur qed jezercita d-dritt ta' rivalsa tieghu kontra l-konvenut Joseph Zaffarese in segwitu ghall-proceduri giudizzjarji istitwiti kontra tieghu minn Jurgen Brammer, u konsegwentement ghalhekk dawk il-proceduri u dak fihom deciz jista' jitressaq mill-attur bhala prova in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu kontra l-konvenuti konjugi Zaffarese, ghad illi huma ma kienux parti f'dawk il-proceduri.

Ghalkemm il-kjamata in kawza tas-subappaltatur fi proceduri bejn l-appaltant u l-appalatatur hija utili, ma hijiex tassattiva u b'hekk il-fatt li s-subappaltatur ma jkunx gie kjamat f'dik il-kawza ma jwassalx biex dak determinat u deciz f'dawk il-proceduri dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit minnu, partikolarment meta s-subappaltatur ikun xehed f'dawk il-proceduri (hekk kif gara fil-kaz "Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit"), ma jkunx jista' jitressaq mill-appaltatur kontra s-subappaltatur fi proceduri konsegwenzjali ghad-danni istitwiti mill-appaltatur kontra s-subappaltatur.

L-attur fil-fatt jibbaza t-talba tieghu ghad-danni fil-konfront tal-konvenuti konjugi Zaffarese fuq dak ikkunsidrat u konkluz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, ossia li *huwa fatt accertat illi il-filter installat mill-konvenut* (Nazzareno Zammit) *inqala' minn postu u waqa' fil-bilges tal-makna. Eskluz li kien hemm manumissjoni mill-attur wara li gie installat, il-probabilità hi li l-filter jew ma kienx imqieghed sew jew tabilhaqq ma kienx adattat ghal dik it-tip ta' makna. Anke in assenza ta' perizja teknika, jew ukoll kieku kellha ma tammettix ix-xhieda ta' Joseph Amato, din il-Qorti ssibha difficli fic-cirkostanzi biex ma taccettax bhala possibbli u verosimili l-allegazzjoni centrali ta' l-attur appellant illi l-kawza tad-danni kien il-konsegwenza ta' inadempjenza jew adempiment inezatt tal-konvenut. Zgur ma jistax jigi accettat dak suggerit mill-konvenut illi fil-fehma tieghu l-makna hadmet bla zejt (ara Affidavit tieghu a fol. 95) in*

*kwantu kien l-impjegat tieghu li barra li bidel il-part (filter), bidel ukoll iz-zejt tal-makna (ara Affidavit ta' Joseph Zaffarese, fol.92). Kif lanqas ma tistax', bir-rispett kollu dovut ghall-gharfien certament espert tal-konvenut, illi taccetta bhala sagrosanti u validi, kongetturi u suspposizzjonijiet ta' dak li seta' gara, imma li effettivament, u fil-konkret, mill-provi ma jirrizultawx*[7].

Minn dik is-sentenza johrog car li l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) waslet ghall-konkluzzjoni Taghha in bazi ghall-provi prodotti mill-partijiet f'dawk il-proceduri, inkluz ix-xhieda ta' Joseph Zaffarese, u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti konjugi Zaffarese dik il-Qorti effettivament attribwiet ir-responsabilità ta' dak li gara lix-xoghol esegwit fuq il-magna tal-yacht ta' Jurgen Brammer – liema xoghol gie esegwit mill-konvenut Joseph Zaffarese. B'hekk b'dik is-sentenza gie determinat in-ness bejn il-kawza u l-effett tad-danni sofferti minn Jurgen Brammer u l-attur Nazzareno Zammit issa qed jistrih fuq dik is-sentenza bhala l-prova tan-ness bejn il-kawza u l-effett ta' danni minnu sofferti per konsegwenza.

Ladarba l-attur kjarament qed jibbaza l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuti konjugi Zaffarese fuq dak ikkunsidrat u konkluz fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ta' l-4 ta' Ottubru 2006, jinkombi fuq l-istess konvenuti konjugi Zaffarese li jressqu prova sodisfacenti li turi illi nonostante dak determinat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) f'dik is-sentenza, huma ma humiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur.

Il-provi prodotti mill-konvenuti konjugi Zaffarese f'dawn il-proceduri essenzjalment jikkonsistu fix-xhieda tal-konvenut Joseph Zaffarese illi fost affarijiet ohra ddikjara li hekk kif Jurgen Brammer avvanza l-pretensjoni tieghu kontra Nazzareno Zammit, huwa (ossia Zaffarese) mill-ewwel ried jittransigi ma' Brammer, ghalkemm skont hu x-xoghol minnu esegwit kien maghmul skond is-sengha u l-arti, izda Zammit ma riedx jhallas lil Brammer. Apparte l-fatt li dak affermat mill-konvenut Zaffarese gie michud

[7] Dok. "RZ10", fol. 42 tal-process. Sottolinear ta' din il-Qorti.

mill-attur illi jsostni li Zaffarese qallu li messhom ittransigew biss wara l-ezitu tal-proceduri istitwiti minn Brammer, il-Qorti hi tal-fehma li l-posizzjoni kontradittorja ta' Zaffarese – ossia li fl-istess nifs jghid li ried jittransigi izda jibqa' jsostni li x-xoghol li ghamel kien tajjeb – ma tistax titqies bhala prova li sodisfacentement teghleb il-konkluzzjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, u dana nonostante l-fatt li Zaffarese jipprova jiggustifika l-posizzjoni minnu adottata billi jghid *ghalkemm jiena deherli li x-xoghol li ghamilt fuq id-dghajsa tal-Germaniz kien kif suppost, ma ridtx nidhol il-Qorti ghaliex fl-istess zminijiet waqt li kont qed naghmel xi xoghlijiet fuq dghajsa, kien sehh qtil quddiemi u jiena tant dhalt fi problemi minhabba dan l-incident, li ma ridtx assolutament nerga' nersaq lejn il-Qorti. Jiena bqajt arrestat mill-Pulizija fuq din il-kwistjoni 'l fuq minn erbgha u ghoxrin siegha ghalkemm jiena kont biss xhud ta' dan il-murder u mhux involut*[8].

Il-Qorti tqis li l-konvenuti konjugi Zaffarese ma resqux prova sodisfacenti in sostenn tal-pretensjoni taghhom li x-xoghol esegwit minn Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta' Jurgen Brammer gie esegwit skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk dak determinat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) bis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, huwa prova valida u konvincenti li x-xoghol esegwit mill-konvenut Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta' Jurgen Brammer effettivament ma sarx skond is-sengha u l-arti bil-konsegwenza li l-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom issa jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur b'effett dirett ta' tali fatt.

Ghalkemm il-konvenuti konjugi Zaffarese jikkondentu – bir-raba' eccezzjoni taghhom – li l-konvenuta Rita Zaffarese ghandha tigi liberata mill-gudizzju peress li hija ma kellha ebda involviment fil-kwistjoni tax-xoghol, l-attur gustament istitwixxa l-proceduri odjerni kontra l-konjugi Zaffarese stante li ai termini ta' l-Artikolu 1327(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu kull dejn jew indennizz dovut*

[8] Xhieda moghtija mill-konvenut Joseph Zaffarese waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2010, fol. 112 sa' 114 tal-process.

*bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda*.

It-talba ta’ l-attur ghall-hlas ta’ danni ammontanti ghal €7,000 ghandha tigi ikkunsidrata fid-dawl tal-principji ormai assodati in materia ta’ danni, u cioè li kull wiehed huwa responsabbli ghad-danni li huwa jikkaguna lil haddiehor bl-ghemil tieghu, ghandu jigi provat in-ness ta’ kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta’ min ikun ikkaguna d-danni u danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali huma limitati ghal dawk id-danni li huma l-kawza ta’ tali inadempjenza[9].

Jirrizulta immedjatament evidenti li l-ammont ta’ danni pretiz mill-attur minghand il-konvenuti konjugi Zaffarese huwa iktar mid-danni li gie kkundannat ihallas lil Jurgen Brammer bis-sentenza ta’ l-4 ta’ Ottubru 2006, u dana billi oltre d-danni li gie kkundannat ihallas lil Jurgen Brammer l-attur jippretendi li l-konvenuti konjugi Zaffarese jaghmlu tajjeb ukoll ghall-imghax fuq id-danni dovuti lil Brammer u ghall-ispejjez giudizziarji – kemm tieghu kif ukoll dawk ta’ Jurgen Brammer – li inkorra in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet “Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit” u l-proceduri ghar-ritrattazzjoni ta’ l-Appell deciz bis-sentenza ta’ l-4 ta’ Ottubru 2006.

Wara li kkunsidrat il-provi prodotti u partikolarment is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) tat-3 ta’ Ottubru 2007 – bis-sahha ta’ liema giet michuda t-talba ta’ Nazzareno Zammit ghar-ritrattazzjoni ta’ l-Appell fl-ismijiet “Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit” – il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti konjugi Zaffarese ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez inkorsi mill-attur, kemm tieghu kif ukoll dawk ta’ Jurgen Brammer, in konnessjoni mal-proceduri ghar-ritrattazzjoni ta’ l-Appell. Il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) cahdet it-talba ta’ Nazzareno Zammit ghar-ritrattazzjoni ta’ l-Appell ghaliex *jidher li r-ritrattand b’dawn il-proceduri qed jitlob li dina l-Qorti terga’ tezamina l-fatti mill-gdid biex jergu jigu valutati w interpretati mod*

---

[9] Josef Galea v. Combinati Transport Services Limited pro et noe, Citaz. Nru. 2012/97 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Marzu 2001.

*iehor milli if gew interpretati mill-Qorti ta' l-Appell. Dik il-Qorti applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz kif irrizultaw, ghalke ir-ritrattand qed ighid lid an ma ghalitux korrettament (billi biddlet l-oneru tal-prova u ma saritx prova teknika) li però mhijiex raguni tajba biex tintalab ir-ritrattazzjoni* u li *fil-kaz in ezami jirrizulta bl-aktar mod car li l-kwistjoni tal-bdil tal-filter kien il-punt ewlieni u determinanti f'din l-vertenza, u kien appuntu dan il-punt li gie diskuss bejn il-partijiet u li fuqu l-Qorti ta' l-Appell ippronunzjat ruhha. L-istess argumenti li gew avvanzati u diskussi quddiem il-Qorti ta' l-Appell regghu gew prezentati quddiem din l-Qorti u ma jirrizultax li l-gudikant ma kienx jaf b'dan il-fatt materjali dwar il-filter. L-izball li r-ritrattand qed jibbaza t-talba tieghu fuqu hu relattiv ghall-kriterji li bihom il-fatt kontestat dwar il-filter gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza. Dan mhux l-izball li johrog mill-atti imma ill-konvinciment insidakabbli tal-gudikant. Il-gudikant f'dan il-kaz qabel mas-sottomissjoni tar-ritrattat li l-filter ma kienx adatt ghal magna tieghu u dan ikkawza il-hsara lamentata*[10].

Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni hu evidenti li l-attur ghazel li jistitwixxi proceduri ghar-ritrattazzjoni ta' l-Appell fl-ismijiet "Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit" ghad illi ma kellu ebda bazi legali fuq liema jsejjes tali talba tieghu. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti konjugi Zaffarese ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-spejjez giudizzjarji inkorsi mill-attur – kemm tieghu kif ukoll ta' Jurgen Brammer – in konnessjoni ma' dawn il-proceduri partikolari.

Ghall-istess raguni l-konvenuti konjugi Zaffarese ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-imghax kollu pretiz mill-attur, huma se mai ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-imghax li lahaq iddekorra sa' l-4 ta' Ottubru 2006, ossia sad-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li biha Nazzareno Zammit gie kkundannat ihallas id-danni lil Brammer. L-imghax li ghalih però ghandhom jaghmlu tajjeb il-konvenuti konjugi Zaffarese ma ghandux ikun fuq is-somma kollha tad-danni li l-attur gie kkundannat ihallas

---

[10] Dok. "RZ9" a fol. 30 sa' 37 tal-process.

lil Jurgen Brammer u dana billi fil-fehma tal-Qorti il-konvenuti konjugi Zaffarese ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-ammont kollu tad-danni – ammontanti ghal Lm971, illum ekwivalenti ghal €2,261.82 – li l-attur gie ikkundannat ihallas lil Jurgen Brammer bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ta' l-4 ta' Ottubru 2006.

Mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta li huwa wkoll thallas ghax-xoghol li gie esegwit minn Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta' Jurgen Brammer u ladarba dan ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti da parte tal-persuna inkarigata mill-attur, l-istess attur ma ghandux dritt jithallas – lanqas b'mod indirett – ghal tali xoghol hazin. Konsegwentement ghalhekk il-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom se mai jaghmlu tajjeb ghal parti biss mid-danni li l-attur gie ikkundannat ihallas lil Jurgen Brammer, liema parti ghandha tkun nofs id-danni likwidati favur Brammer u dan in bazi ghall-arrangement li bih kienu jahdmu l-attur u l-konvenut Joseph Zaffarese fir-rigward tax-xoghol li kien jigi esegwit minn Zaffarese fuq inkarigu ta' l-attur.. Ghaldaqstant il-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom jaghmlu tajjeb ghas-somma ta' **€1,130.91**, rapprezentanti nofs il-valur tad-danni li l-attur gie kkundannat ihallas lil Jurgen Brammer.

Minn dan isegwi li l-imghax li ghalih ghandhom jaghmlu tajjeb il-konvenuti konjugi Zaffarese ghandu jigi ikkalkulat fuq l-imsemmija somma ta' €1,130.91 dekoribbli mit-12 ta' Lulju 2002, id-data minn liema Jurgen Brammer beda jikkalkula l-imghax[11], sa' l-4 ta' Ottubru 2006, id-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), liema imghax jammonta ghal **€382.94**.

In kwantu rigwarda l-ispejjez giudizzjarji inkorsi mill-attur, kemm tieghu kif ukoll ta' Jurgen Brammer, in konnessjoni mal-proceduri giudizzjarji fl-ismijiet "Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit" Talba Nru. 1609/02 decizi mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) bis-sentenza ta' l-4 ta' Ottubru 2006, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom jaghmlu tajjeb, imqar in parte, ghal tali spejjez.

---

[11] Dok. "RZ5" a fol. 24 u 25 tal-process.

Ghalkemm l-affermazzjoni ta’ l-attur li l-konvenut Joseph Zaffarese qallu li messhom irrangaw ma’ Jurgen Brammer biss wara l-ezitu tal-proceduri fl-ismijiet “Jurgen Brammer v. Nazzareno Zammit” giet kontradetta mill-konvenut Zaffarese, li da parte tieghu jafferma li din kienet il-posizzjoni tieghu sa’ mill-bidu tal-kwistjoni bejn Brammer u Zammit, il-Qorti mhux se tadotta l-principju li l-kontradizzjoni bejn zewg versjonijiet opposti tal-partijiet kontendenti ghandha tiffavorixxi lill-konvenut u dana billi fil-kaz in ezami jirrizulta b’mod car li dawk il-proceduri gew istitwiti b’konsegwenza tal-fatt li x-xoghol esegwit mill-konvenut Joseph Zaffarese fuq il-magna tal-yacht ta’ Jurgen Brammer ma kienx skond is-sengha u l-arti. B’hekk il-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom jaghmlu tajjeb ukoll ghal nofs l-ispejjez inkorsi mill-attur in konnessjoni ma’ l-imsemmija proceduri.

Fis-sentenza ta’ l-4 ta’ Ottubru 2006, il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) ikkundannat lil Jurgen Brammer ¼ ta’ l-ispejjez giudizzjarji u lil Nazzareno Zammit ihallas ¾ ta’ l-ispejjez giudizzjarji, u ghalhekk il-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom jaghmlu tajjeb ghas-somma ta’ **€491.93**, rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi mill-attur.

Ghaldaqstant il-konvenuti konjugi Zaffarese ghandhom jhallsu lill-attur in linea ta’ danni s-somma komplessiva ta’ **€2,005.79**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Zaffarese, tilqa’ t-tielet eccezzjoni taghhom u konsegwentement tilqa’ t-talba ta’ l-attur limitatament ghas-somma ta’ €2,005.79 u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Zaffarese jhallsu lill-attur in linea ta’ danni s-somma ta’ €2,005.79, bl-imghax dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¾ mill-attur u ¼ mill-konvenuti konjugi Zaffarese.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------